

# Ritratt storiku marbut mal-vara titulari tal-Madonna tal-Karmnu



Hosè Borg

Fil-gazzetta "Il-Berqa", tal-Ġimgħa 11 ta' Lulju tas-sena 1952 kif huwa ndikat fir-ritratt stess, deher ritratt tal-vara titulari tal-Madonna tal-Karmnu bħala avviż li l-festa kienet ser issir nhar il-Ħadd ta' dik l-ġimgħa stess:"Il-Madonna tal-Ġebla li nhar l-Ħadd li ġej ssir l-festa tagħha fil-Gżira". Sentenza li tibqa' żgur marbuta mal-ġrajja' tal-ġebla tal-bidu tad-devozzjoni lejn l-madonna taħt t-titlu tal-Karmelu fl-istess lokal. Dan juri ċar kemm il-festa titulari fil-Gżira ilha tant snin bl-istess data tat-tieni Ħadd ta' Lulju. Jekk seta kien hemm xi każi li ma ġietx ċċelebrata fit-tieni Ħadd tal-istess xahar, żgur li setgħu kienu probabbiltajiet rari li seta' seħħ dan l-fattur li semmejt. Kif wieħed jista' jinnota sewwa mir-ritratt, l-istatwa f'dak ż-żmien kienet għadha fl-istat oriġinali tagħha kif kienet saret lura fis-sena 1924 f'Lecce l-Italja f'post tant magħruf għall-istatwi sagri fil-kartapesta bejn s-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 kif għadu magħruf sal-lum. L-istatwa tirrappreżenta lil Madonna tħaddan lil binha Ġesu' kif ukoll bil-labtijiet miżmuma f'idejn l-idejn l-leminija tal-bambin kif ukoll fl-idejn x-xellugija tal-bambin. Din l-vara, tassew tagħti messaġġ spiritwali għall-mod kif nħadmet verament sinifikanti għaliex bil-ħarsa tagħha l-Madonna tistħajjilha bħal donnha trid tgħidilna biex ngħixu ħajja tassew nisranija u eżemplari bħalma hi stess għexet billi wettqet r-rieda t'Alla l-missier fejn fost bosta affarijiet li wettqet,ħadet ħsieb lil binha Ġesu'. L-istatwa tidher anke bil-pedestall preżenti kif ukoll bil-girlanda tal-fjuri l-antika.Wieħed jista' jinnota anke l-fatt skond ir-ritratt illi l-mant li naraw llum li jintrama' għal tal-apposta sabiex titpoġġa l-vara taħtu kien għadu ma sarx lanqas. Daqstant ieħor r-raġġiera li naraw llum kienet għadha ma saritx. Infatti l-istatwa wara li saret, damet għal snin twal tinħareġ purċissjoni mingħajr raġġiera sa ma eventwalment ġie deċiż sabiex ssirilha waħda. Xi ħaġa oħra li ta' min wieħed isemmi f'dan l-kuntest huwa l-fatt kif fis-snin ħamsin wara t-tieni gwerra dinjija, il-parroċċa tal-Gżira għalkemm kienet bdiet tiġi ddekorata b'numru ta' kwadri, kif jidher fir-ritratt stess, xorta waħda kien għadu ż-żmien li x-xogħol ta' dekorazzjonijiet fl-istess knisja kienu għadhom fil-proċess biex isiru. Għaldaqstant wieħed ma jistax ma jinnutax l-fatt illi l-kwadru li jidher wara l-vara, l-gwarniċun tiegħu kien għadu mhux ddekorat u ndurat bid-deheb. Kif f'dan l-artiklu fl-istess waqt li qiegħed nitratta ntietef ta' storja marbuta mal-vara titulari tal-Madonna tal-Karmnu, fatt nteressanti huwa anke illi propju din s-sena jaħbat l-20 sena anniversarju minn meta l-istatwa titulari sarilha l-aħħar ntervent fuqha, liema ntervent sar mill-kavallier Alfred Camilleri Cauchi lura fis-sena 1995, fejn ġiet ddekorat mill-ġdid l-ilbies tal-Madonna filwaqt li saru anke xi nterventi fuq l-uċuħ tal-Madonna u l-bambin, liema nterventi bla dubju wasslu sabiex l-istatwa jkollha d-dehra li qegħdin narawlha llum fil-preżent. L-istatwa titulari tal-Madonna tal-Karmnu tal-parroċċa Gżirjana, hija tassew statwa ħelwa u devota li żgur minjaf kemm rat Gżirjani devoti tal-Madonna jitolbuha sabiex taqlalhom xi grazzji jew anke kemm ntqal talb speċjali quddiemha. J'alla dan l-ispirtu ta' talb u devozzjoni fost l-Gżirjani lejn l-omm tant maħbuba tagħhom, Omm il-Karmelu, tibqa' ssaltan mhux biss fost l-Gżirjani tal-preżent iżda anke fost il-ġenerazzjonijiet Gżirjani tal-futur.



IL-MADONNA TAL-ĠEBLA LI L-FESTA TAGĦHA SSIR NHAR IL-ĦADD LI ĠEJ FIL-GŻIRA.